# QORTI CIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa**
**disgħa (9) ta’ Lulju 2020**

**Rikors Numru 1062/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Joshua Cachia (ID 519880M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 5 ta’ Novembru 2019, li permezz tiegħu s-socjeta’ rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’kuntratt datat 2 ta’ Settembru 2002, in atti Nutar Dottor Mario Bugeja (Dok. “A”) is-soċjeta' attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Joshua Cachia;*

2. *Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi ta' Joshua Cachia fis-somma ta' wieħed u sittin elf, erba' mija u erbgħin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€61,440.44) bilanċ għad-debitu fil-"House Loan Accounts" ta' Joshua Cachia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa BIO" u Dok. "C1 sa C11") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-22 t'Ottubru 2019 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn eżebit bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joshua Cachia;*

   *(a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt.*

   *(b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew,*

   *(c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess Joshua Cachia li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.*

4. *Illi l-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenut Joshua Cachia ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 21 ta' Ġunju 2019 li kopja tagħha qed tiġi hawn eżebita u mmarkata Dok "D", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dan baqa' inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn eżebit bħala Dokument "A" ) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joshua Cachia (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija fil-kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess Joshua Cachia li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.*

2. *Tikkundanna lil Joshua Cachia jħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' wieħed u sittin elf, erba' mija u erbgħin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€61,440.44) bilanċ għad-debitu House Loan Accounts" ta' Joshua Cachia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B10" u Dok.*

*"C1 sa C11") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-21 ta' Ottubru 2019 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 21 ta' Ġunju 2019 (Dok. "D") li qed tiġi preżentata kontestwalment kontra l-konvenut li hu nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

2. Rat illi l-intimat Joshua Cachia ġie notifikat bl-affissjoni ġewwa l-Għassa u Kunsill Lokali taż-Żurrieq u fl-indirizz 150, Triq San Martin, Żurrieq fil-11 ta' Frar 2020 (fol 12), fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta' Frar 2020 (fol 38) u fil-Malta Independent tal-4 ta' Marzu 2020 (fol 65) u l-Orizzont tal-4 ta' Marzu 2020. (fol 66)

3. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2020, meta ssejjħet il-kawża, dehret is-soċjeta' rikorrenti, rappreżentata minn Dorianne Tanti u mill-konsulent legali tagħha.

4. L-intimat, imsejjħa diversi drabi, ma deherx, u għalhekk ġie meqjus bħala kontumaċi.

5. Rat illi Dorianne Tanti ikkonfermat bil-gurament illi l-ammont għadu dovut.

6. Rat illi, a tenur tal-Artikolu 170(1) tal-Kap 12, is-soċjeta' rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tiddeċiedi t-talba attriċi minnufih, billi tilqa' t-talba tar-rikorrent.

7. Rat illi ma hemm ebda raġuni għaliex it-talba rikorrenti ma għandhiex tintlaqa'.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti;

**Tiddikjara** illi Joshua Cachia (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija fil-kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, kif ukoll li (c) kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess Joshua Cachia li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attriċi u għalhekk seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt tat-2 ta' Settembru 2002, u għalhekk,

**Tikkundanna** lil Joshua Cachia jħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' wieħed u sittin elf, erbgħa mija u erbgħin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€61,440.44) bilanċ

għad-debitu fil-"House Loan Accounts" ta' Joshua Cachia mal-Bank of Valletta p.l.c. kif aħjar deskritt fir-rikors promotur.

**Bl-ispejjeż,** u bl-**imgħax** mill-21 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**